**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 9 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 1109/01 AJD*

Fairs & Exhibitions Limited

vs

Flower Sales Limited

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm375.00) rappresentanti l-hlas ghas-servizz moghti mis-socjeta' attrici fuq ordni tas-socjeta' konvenuta stess – kollox skond ma jidher minn Dok. A.
Bl-ispejjes, u bl-imghax kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata, baqghet ma deheritx u lanqas ma prezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Dr. Stefan Camilleri, in rappresentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont ghadu dovut lis-socjeta' attrici. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u sebghin liri Maltin (Lm375.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-pagament effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR